C/2024/638

5.1.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Novembru 2023

li taħtar żewġ membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għan-Netherlands u r-Rumanija

(C/2024/638)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tal-impjegati u ta' min iħaddem,

Wara li kkunsidra l-listi tal-membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2023 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-EU-OSHA għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.

(2) L-organizzazzjoni tal-impjegati, ETUC, u l-organizzazzjoni ta' min iħaddem, BusinessEurope, ippreżentaw żewġ proposti għal żewġ karigi li jridu jimtlew għan-Netherlands u r-Rumanija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-EU-OSHA għall-perjodu li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027:

RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-ĦADDIEMA

Stat Membru	Membru supplenti
In-Netherlands	Is-Sa Marike SCHOONEVELDT

RAPPREŻENTANTI TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' MIN IĦADDEM

Stat Membru	Membru supplenti
Ir-Rumanija	Is-Sur Marius OLARIU

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jaħtar lill-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

([1]) ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Marzu 2023 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) (ĠU C 116, 31.3.2023, p. 19).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
Y. DÍAZ PÉREZ